L-Ospizio
Fuljett maħruġ mil-Librerija Louis Grech, l-Ospizio, Floriana
Is-sebgħa u għaxrin ħarġa: Novembru – Diċembru 2004

# (I) Niltaqgħu mas-Surmast Carmelo Cutajar

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: ‘L-Ospizio’ huwa l-isem ta’ fuljett bil-kulur li kien joħroġ kull xahrejn mil-librerija ‘Louis Grech’[1] tal-iskola tas-subien Lorenzo Manchè tal-Furjana. L-ewwel ħarġa tiegħu aktarx kienet dik ta’ Settembru-Ottubru 1999, proprju fuq l-għatba tal-millenju l-ġdid. Dal-fuljett kien jieħu ħsiebu grupp ta’ nofs tużżana għalliema, u li fih għamilt xi żmien nikkontribwixxi permezz ta’ artikoletti mużikali ta’ natura kemm jista’ jkun sempliċi u edukattiva. Minn dawn ilħajt ktibt tmienja. Is-Sur Rennie Abela, bħala librar tal-iskola, kien jieħu ħsieb jiġbor il-materjal mingħand l-għalliema u l-istudenti, u wara li jissettja l-paġni, kien ikun irid joqgħod jipprintjahom wieħed wieħed bil-printer tal-kulur li kellu fil-librerija. Minn dal-fuljett kienu jinħarġu biżżejjed kopji għal kulħadd – għalliema u studenti. L-għan tal-fuljett kien mhux biss biex jagħti vuċi lill-istudenti u jesponi t-talenti rispettivi tagħhom, imma wkoll biex juri lill-qarrejja (studenti u ġenituri) x’ikun għaddej fl-iskola f’dawk li huma attivitajiet edukattivi, soċjali, kulturali u oħrajn.

Il-fuljett ingħatalu dal-isem ta’ ‘L-Ospizio’ għax proprju l-post fejn kien hemm dil-iskola fi żmien il-Granmastru de Vilhena kien iservi ta’ dejr ix-xjuħ invalidi; fl-istess post fejn jerġa’ qabel kien hemm l-imħażen tal-Porvlista. Fi żmien il-Granmastru de Rohan imbagħad, beda jilqa’ wkoll xebbiet imġarrbin u nies bi problemi ta’ saħħa mentali, kif ukoll tfal iltiema fost oħrajn. Jingħad li minn dal-istitut inbdiet il-kolera tal-1837 fejn mietu bosta mix-xjuħ. Fl-1892 ix-xjuħ ġew trasferiti l-Imgieret (illum San Vinċenż de Paule). Sfotunatament, fil-Gwerra l-Ospizio kien ġarrab ħsarat kbar. Fi żmien ħafna aktar riċenti kien sar xi restawr u attrezzar fuq waħda mill-kmamar il-kbar li bdiet isservi ta’ sala għall-attivitajiet eduko-kulturali tal-iskola. Kmamar oħra ddawru fi klassijiet u ħwienet tax-xogħol li fihom kienu jiġu mgħallma suġġetti akkademiċi bażiċi u snajja’ diversi.

Flavian Cutajar kien idoqq il-klarinett mal-banda tal-iskola tal-Ospizio. Kellu z-ziju ta’ missieru wkoll idoqq u jgħallem l-istrumenti tar-ram mal-banda Ġużeppina ta’ Ħal Għaxaq. Mhux l-ewwel darba wkoll li għamilha ta’ assistent surmast. Permezz tal-fuljett, Flavian xtaq jaqsam ma’ sħabu tal-iskola dak li rrakkuntalu missieru dwar l-istorja tal-banda Għaxqija u z-ziju Carmelo. L-artikolett tiegħi ‘Niltaqgħu mas-Surmast Carmelo Cutajar’ kien deher f’paġna nru 2 tal-fuljett ‘L-Ospizio’, Għadd 27, Nov. – Diċ. 2004.

Kliem muftieħ: Ospizio (Furjana), Skola Sekondarja Subien Lorenzo Manchè, Mużika, Edukazzjoni, Mro. Carmelo Cutajar, Mro. Pawlino (Paolo) Vella

Flavian Cutajar, student tal-tielet sena fl-iskola tagħna, tista’ tgħid li huwa ġej minn familja mużikali. Fil-fatt, Flavian idoqq il-klarinett mal-Għaqda Mużikali ‘San Ġużepp’ ta’ Ħal Għaxaq.

[1] Minn dak li niftakarhom jgħiduli sħabi l-għalliema, dil-librerija ssemmiet proprju għalih peress li kien miet fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta’ dmirijietu.



San Ġużepp, qaddis patrun tal-banda Għaxqija

Dil-banda taf il-bidu tagħha fl-1874 meta, minħabba d-devozzjoni dejjem tikber lejn San Ġużepp, kien ġie deċiż li jitwaqqaf l-ewwel każin ġewwa r-raħal ta' Ħal Għaxaq. Għal xi żmien, dil-banda waqfet milli taqdi l-funzjonijiet tagħha minnħabba li ħafna bliet u rħula f'Malta u Għawdex kienu ġew milqutin mill-marda kiefra tal-kolera. Madankollu, fl-1911 xi partitarji Ġużeppini avviċinaw lis-Surmast Pawlino Vella[2] (1874–1948) biex iwaqqaf orkestra. Dil-orkestra kienet ta' għajnuna kbira għall-knisja parrokkjali għax kienet taqdiha fis-servizzi sagri. Fl-istess waqt, għenet ħafna biex tikser il-monotonija li dak iż-żmien kienet issaltan f'ħafna mill-irħula. Fl-1934, is-Surmast Pawlino Vella biddel l-orkestra f'banda formali b'45 bandist tal-post biex b'hekk, twieldet dil-għaqda mużikali kif nafuha llum.

Flavian għandu dat-tagħrif interessanti ħafna x'jgħaddilna dwar iz-ziju ta' missieru, Carmelo Cutajar li ġabu mingħand missieru stess.



Mro. Pawlino Vella

Sfortunatament, missier Flavian ma jistax jiftakar meta twieled u miet zijuh għax issa għadda wisq żmien. Jiftakar biss li Carmelo għażel li jibqa' għażeb. Għall-ewwel kien joqgħod il-Birgu. Wara xi żmien mar joqgħod, l-ewwel l-Isla, imbagħad Ħal Għaxaq. Għalkemm il-mużika ma tgħallimha ma' ħadd, huwa tgħallem idoqq tista' tgħid l-istrumenti tar-ram kollha. Imma l-aktar strument għall-qalbu kien il-baxx (*tuba*). Huwa daħal idoqq mall-banda ta' Ħal Għaxaq, u m'għaddiex żmien wisq li ma fdawlux xi alljevi Għaxqin. Matul il-25 sena li għamel bħala assistent surmast ta' dil-banda, ħafna kienu l-alljevi li ħarġu jdoqqu minn taħt idejn Carmelo. Ġie wkoll żmien meta z-ziju ta' missier Flavian kellu jmexxi l-banda ta' San Ġużepp hu fin-nuqqas tas-surmast tal-banda ta' dak iż-żmien. Huwa kien dam madwar sena bħala surmast. Jingħad ukoll li, Carmelo kien mar jgħallem Birżebbuġa minfejn ħarġu jdoqqu għadd sabiħ ta' alljevi mal-banda tal-lokal.

Koordinatur tal-artiklu: Is-Sur Manoel Pirotta, għalliem tal-mużika.

[2] F'żgħożitu, Mro. Pawlino Vella kien idoqq il-vjolin mal-orkestra tat-Teatru Rjal u studja sew il-mużika fl-Istitut Mużikali ta' Paolino Vassallo. Kiteb ħafna mużika sagra u profana u mhux l-ewwel darba li rebaħ xi midalja f'gari mużikali internazzjonali. Kien surmast tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija ta' Ħal Luqa bejn l-1908 u l-1914 meta din kienet trasformata f'orkestra fil-bidu tas-seklu għoxrin. L-akbar xogħol tiegħu huwa forsi l-Kantata lill-Appostlu Sant' Andrija (1913) fuq versi bit-Taljan ta' patri Carmelo del Bambin Gesù. (Jesmond Grech: L-Għaqda Mużikali Sant' Andrija: Twelidha u Ġrajjietha, p. 385)